MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2012

Numru. 840/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Paul Tabone**
**Shaun Galea**

**Kumpilazzjoni Numru: 840/2012**

**Illum, 20 ta' Awissu, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra

**Paul Tabone** ta' 34 sena, iben Giovanni u Giovanna nee' Diacono, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Awissu, 1978, residenti gewwa Tabone, Triq Delimara, Marsaxlokk u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 365078(M); u

**Shawn Galea** ta' 18 il-sena, iben Raymond u Catherine nee' Grech, imwieled Pieta', nhar l-20 ta' Mejju, 1994 u residenti fil-fond 48, Triq id-Dahla ta' San Tumas, Marsaskala u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 230994(M).

Akkuzati talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe'

1. Talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Lulju, 2012 minn gewwa kamra li tinsab f'Marsaxlokk, ikkommettew serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda ma jeccediex €2329.40, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Emmanuele Scicluna u jew persuna/i ohra u aktar talli;
2. Talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Lulju, 2012 minn gewwa kamra li tinsab f'Marsaxlokk, ikkommettew serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda ma jeccediex l-€2329.40, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' Guzeppi Borg u jew persuna/i ohra u aktar;
3. Talli fil-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Awissu, 2012 minn gewwa kamra li tinsab f'Marsaxlokk, ikkomettew serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda ma jeccediex l-€2329.40, bil-mezz u bil-hin ghad-dannu ta' George Mercieca u jew persuna/i ohra u aktar;
4. Talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Lulju, 2012, bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' serq aggravat minn gewwa kamra li tinsab f'Marsaxlokk ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda ma jeccediex l-€2329.40 u bil-hin ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta taghhom;

5. Talli fil-lejl ta’ bejn id-19 u l-20 ta’ Lulju, 2012 gewwa kamra li tinsab f’Marsaxlokk involontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamlu hsara f’ghamara, liema hsarat huma ta’ anqas minn €116.47 (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta’ Emmanuele Scicluna;

Il-Qorti, giet gentilment mitluba sabiex f’kaz tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsam mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-amissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinsatbu hatja l-imputati, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar

stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll l-fatt li l-oggetti misruqa gew ritornati. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’l-imputati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tmintax il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------